MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2010

Rikors Numru. 1523/2001/2

**A B fil-kwalita' tieghu ta' mandatarju**
**ta' l-assenti bintu C D E**
**vs**
**F E**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet izzewgu fit-30 ta' Mejju 1992, u li minn dan iz-zwieg ghandhom tifla jisimha Abigail u li twieldet fit-3 ta' Lulju 1993; li l-hajja konjugali ta' bejn il-partijiet saret impossibbli minhabba adulterju, sevizzi, swat, minacci, ngurji gravi u mohqrija da parti tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici assenti; li l-istess attrici ottjeniet id-debita awtorizzazzjoni mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili sabiex tipprocedi f' din l-istanza; li l-partijiet kienu lahqu ftehim dwar il-kura u kustodja provvizorja tal-minuri, tenut kont tal-fatt li, filwaqt li l-attrici tghix fl-Ingilterra, il-konvenut jghix f' Malta; u ghalhekk talab li din il-Qorti: [1]

tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet fuq indikati; [2] li tapplika fil-konfront tal-konvenut l-artikoli 48, 49, 50 u 51 tal-Kap.16; [3] [4] li tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti, tillikwidaha u tassenja nofs kull wiehed, u jigi nominat nutar sabiex jippubblika l-att opportun; bl-ispejjez kontra l-istess konvenut;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha, filwaqt li ddikjara li huwa jaqbel mat-talba ghall-pronunzjament tas-separazzjoni personali, jeccepixxi: [1] li dan ghal ragunijiet imputabbli lill-attrici assenti; [2] li t-tieni talba hija ngustifikata, stante li huwa m' ghandu l-ebda htija ghas-separazzjoni; [3] li jaqbel mat-talba rigwardanti x-xoljiment, likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda, l-affidavits prezentati, u r-rapport tal-perit stimatur Vincent Ciliberti[1], u n-noti ta' l-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut stante li l-hajja konjugali ta' bejniethom saret impossibbli ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta imputabbli lill-konvenut li, minn naha tieghu, jattribwixxi l-istess tortijiet lill-attrici.

**Separazzjoni Personali**

Illi l-partijiet izzewgu fit-30 ta' Mejju 1992, wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin circa hames snin, u minn dan iz-zwieg twieldet it-tifla Abigail fit-3 ta' Lulju 1993 u li ghalhekk illum ghandha 17-il sena.

---

[1] Fol.161 *et seq.*

Wara konvivenza matrimonjali ta' circa tmien [8] snin, u precizament fit-23 ta' Novembru 2000, l-attrici ad insaputa ta' zewgha, telqet minn Malta lejn l-Ingilterra, biex bdiet tikkoabita ma' ragel li kienet saret taf tramite l-internet. Fis-19 ta' Novembru 2001, hija ottjeniet id-divorzju mill-qrati Inglizi, u eventwalment izzewget lil dan ir-ragel.

Illi sadanittant, meta l-konvenut skopra li martu kienet telqet bit-tifla mid-dar konjugali, u wara li tlett gimghat wara skopra li hija kienet marret l-Ingilterra, huwa pproceda fil-qrati Ingliza ghar-ritorn tal-minuri, liema talba tieghu giet akkordata fis-26 ta' Gunju 2001. Konsegwsentement, l-attrici in ottemporanza ma' l-imsemmija ordni, baghtet it-tifla Malta biex din tkun mal-missier.

Illi wara xi zmien tghix mal-missier, it-tifla bdiet thoss l-assenza ta' ommha; u konsegwentement il-partijiet lahqu ftehim dwar il-kura u kustodja u l-access tal-minuri, liema ftehim gie prezentat fir-Registru ta' din il-Qorti fit-28 ta' JDar 2002. F' dan iz-zmien it-tifla kellha tmien [8] snin.

Illi skond dan il-ftehim, il-partijiet qabblu li, filwaqt li t-tifla kellha tghix ma' l-attrici gewwa l-Ingilterra, il-konvenut kellu access, matul il-weekend mill-Gimgha sal-Hadd, meta hu jkun l-Ingilterra, u darbtejn fis-sens, hmistax-il-gurnata kull darba, darba f' Awwissu u darba fix-xahar ta' Dicembru jew matul ix-xahar ta' l-Ghid. Il-partijiet iddikjaraw li dak mifthiem kien "qed isir fl-ahjar interess tat-tifla."[2]

*Verzjoni Attrici*

Illi l-attrici, li tahdem bhala ghalliema, tilmenta mill-fatt allegat minnha, li tul il-konvivenza mal-konvenut, dan kien jabbuza regolarment mill-alkohol bir-rizultat li kien jinfexx f' komportament abbuziv konsistenti fi tkissir ta' affarijiet, abbuzi verbali u minacci fil-konfront ta' l-attrici.

Tghid li l-konvenut ibaghati minn paranoja, u kien jissuspetta li martu kienet tkun infidila lejh. Kien jghir

[2] Fol. 30

ghaliha, kien pussesseiv u kien dominanti, u ta' spiss kien jaghmel xenati, anke quddiem it-tifla minuri, tant li fl-affidavit taghha quddiem il-High Court tghid li t-tifla "is very frigthened of the Plaintiff. He has always been a domineering person whom she has seen in a drunken state on numerous occasions."[3] F' affidavit iehor, l-attrici tispjega li hi ma setghetx tittollera izjed dan il-komportament ta' zewgha li kien heddida li joqtolha meta qaltlu li riedet tissepara minn mieghu; ghalhekk hija telqet minn Malta, peress li l-konvenut "had threatened to kill me on several occasions, and I feared for my and my daughter's life."[4]

Ghalhekk l-attrici telqet minn Malta fit-23 ta' Novembru 2000, u hadet maghha lit-tifla minuri. Hija marret tghix ma' l-allura habib taghha, Martin Harris, u, sussegwentement izzewgitu. Fl-affidavit tieghu quddiem il-High Court Ingliza, dan Harris jikkonferma li hu u l-attrici "have known one another for just over a year, and we have lived together since C came to this country on [the above date]…. Since November 2000 C and I have created a loving home.."[5]

*Verzjoni Konvenut*

Illi l-konvenut, li jahdem bhala heavy-plant driver, jichad li hu kien vjolenti jew aggressiv fil-konfront ta' martu jew li kien jheddidha. Jghid li z-zwieg taghhom kien "a largely happy marriage"[6], u l-inkwiet inqala' fis-sena 2000 meta skopra li f' Lulju martu kienet infidila lejh meta qattghet gimgha f' lukanda ma' habib taghha, filwaqt li t-tifla kien ha hsieba hu, u meta, tramite c-chatting fuq l-internet, l-attrici saret taf lil Martin Harris li mieghu bdiet relazzjoni li wasslet biex hi titlaq minn Malta. Huwa jghid li din kienet l-vera raguni ghaliex tkissret il-konvivenza bejniethom.

Jichad li hu kien jhedded lil martu, jew li martu u bintu kienu jibzghu minnu. Jghid li martu qatt ma tatu ndikazzjoni li kienet tibza' minnu; di fatti l-attrici kienet

---

[3] Fol.255
[4] Fol.95
[5] Fol.260
[6] Fol.238

halliet il-bintu mieghu diversi drabi, senjatament meta, wara d-decizjoni tal-High Court, martu baghtet lit-tifla lejn Malta biex tghix mal-konvenut. Inoltre, josserva li fin-nota li kienet hallietlu l-attrici meta telqet, ma ssemmhix vjolenza, izda tghid li "bil-mod kif int gibt ruhek mieghi ma stajnhiex inkomplu. Dan huma affarijiet li m' ghandhniex kontroll fuqhom, specjalment fejn jidhlu s-sentimenti."[7] Hu jsostni li l-attrici kienet telqet mid-dar konjugali biex tkompli bir-relazzjoni extra matrimonjali.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

[1] Illi, ghalkemm l-attrici ssostni li matul il-konvivenza l-konvenut kien aggressiv, u kien dominanti, tant li kemm hi kif ukoll binthom kienu jibzghu minnu, il-provi, anke dawk mressqa mill-istess attrici, idghajfu serjament din it-tezi.

Il-Qorti tosserva li jirrizulta mhux kontraddett li ftit qabel is-separazzjoni de facto, l-attrici kienet halliet ghal xi granet it-tifla fil-kustodja tal-konvenut. Inoltre, wara d-decizjoni tal-Qort Ingliza, ghalkemm l-attrici kienet sostniet li t-tifla kienet "very frigthened" minn missierha l-konvenut, hija xorta wahda ma ddejqitx tibghat lit-tifla Malta waheda biex tghix mal-missier. Inoltre, fil-ftehim milhuq bejn il-partijiet fit-28 ta' JDar 2002, meta allura t-tifla kellha disa' [9] snin, il-partijiet ftehmu, u allura l-attrici accettat li, l-konvenut ikollu access ampju meta jitla' l-Ingilterra, u kienet accettat li darbtejn fis-sens tibghat lit-tifla Malta sabiex tqatta' hmistax-il gurnata mal-missier.

L-osservazzjoni li jimponu dawn il-fatti hija li, jekk verament it-tifla kienet tibza' mill-konvenut, anzi kienet "very frightened" hija ma kinitx taccetta li tibaghat it-tifla waheda Malta biex tqatta' zmien mal-konvenut.

[2] Illi, pero' filwaqt li l-Qorti ma taccettax bhala veritiera l-istampa ferm negattiva li l-attrici ttentat li taghti tal-konvenut matul il-konvivenza, izda taccetta bhala provat il-fatt allegat mill-attrici li l-konvenut kien jabbuza mill-alkohol bir-rizultat li f' dawn l-okkazzjonijiet ripetuti l-komportament tieghu fil-konfront ta' martu kien wiehed

---

[7] Fol.264

sevizzjuz. Dan jinsab konfermat mix-xhieda tal-genituri ta' l-attrici, u l-Qorti, fic-cirkostanzi taccettah bhala fatt veritier, liema fatt ikkontribwixxa ghas-separazzjoni.

[3] Illi pero' ma hemmx dubju f' mohh din il-Qorti li l-kawza principali tas-separazzjoni kienet l-infedelta' da parti ta' l-attrici, liema fatt gie ammess minnha; u l-attrici wasslet sabiex issahhah din ir-relazzjoni extra matrimonjali ma' Martin Harris billi telqet mid-dar konjugali u minn Malta, sabiex tkun tista' tghix ma' dan il-habib taghha.

Inoltre, il-Qorti tosserva li, ghalkemm fl-att tac-citazzjoni u fid-dikjarazzjoni guramentata, l-attrici takkuza lill-konvenut b' adulterju, hija ma gabet ebda xintilla ta' prova in propozitu; u ghalhekk din l-akkuza gratuwita ta' komportament daqshekk hazin u gravi fiz-zwieg li hi attribwiet lill-konvenut, b' tentattiv li tiggustifika l-adulterju taghha, u minghajr ma ressqet provi, tikkostitwixxi fiha nnifisha ngurja gravi fil-konfront tal-konvenut.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba ghas-separazzjoni personali ghandha tintlaqa' stante li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment, u dan, principalment tort ta' l-attrici in bazi ghall-artikolu 38, u sekondarjament tort tal-konvenut in bazi ghall-artikolu 40 tal-imsemmi Kap. In fine, jigi osservat li l-komportament ta' l-attrici huwa tali li jattira, anke ex lege, l-applikazzjoni ta' l-artikolu 48[1].

*Dar Matrimonjali*
Illi fit-30 ta' Ottubru 1989, sentejn u hames xhur qabel iz-zwieg, il-konvenut iffirma kuntratt, pubblikat minn Nutar Dottor Francis Micallef, li permezz tieghu huwa akkwista l-fond 12A Triq id-Daqqaqa Birzebbugia, li wara z-zwieg serva bhala d-dar matrimonjali tal-partijiet.

Illi l-pretensjoni attrici in propozitu hija fis-sens li dan il-fond gie akkwistat mill-konvenut, kemm fuq ismu, kif ukoll bhala prestanome ta' l-attrici, allura gharusa tieghu. Hija tghid li peress li kienet taht l-eta' hija ma setghetx tiffirma dokumenti legali; izda ssostni li kienet prezenti ghall-laqghat kollha li saru ghand in-nutar, kif ukoll il-laqgha li

saret ghand il-Lohombus sabiex tittiehed il-loan. Tghid li f' din il-laqa' ttiehdet konsiderazzjoni tal-paga taghha ghall-fini tal-pagamenti tal-loan.

L-attrici tghid[8] li, ghalkemm hi ma kienet hallset xejn mill-prezz ta' l-akkwisti, hija kienet hallset minn flusha t-taxxa u d-dritt tan-nutar. Inoltre, ghalkemm sakemm izzewgu l-pagamenti tal-loan kienu jsiru biss mill-konvenut, izda wara z-zwieg bdew isiru mis-salarju taghha. Tghid li, sabiex setghu jiehdu l-loan kellhom isiru xi spejjez fil-fond ta' circa LM500 li hallset ghalihom hi.

Illi l-konvenut minn naha tieghu jghid li hu biss kien deher fuq il-kuntratt, ghax hu ried li l-post jixtrih hu qabel iz-zwieg. Jichad li l-attrici kienet dehret ghall-kuntratt, u jichad li hi kienet hallset l-ispejjez konnessi mal-kuntratt, u jghid li dawn kienu thallsu minn self li tatu ommu ghal dan il-ghan. Jikkonferma li, sakemm izzewgu, il-pagamenti tal-loan kienu jsiru minnu biss, u kien biss wara z-zwieg li l-pagamenti bdew isiru mill-flus komuni, jigifieri tal-komunjoni. Jghid ukoll li wara li l-attrici telqet f' Novembru 2000, il-loan baqghet titlhallas mill-paga tieghu.

Illi f' dan ir-rigward il-Qorti tosserva li, parti minn dak allegat mill-attrici gie michud mill-konvenut. Inoltre l-fatt provat, u ammess mill-istess attrici, li hi sakemm izzewgu ma hallset ebda parti mill-prezz, u l-pagamenti tal-loan kienu jithallsu biss mill-introjtu tal-konvenut, jaghti konfort lit-tezi tieghu li hi fis-sens li meta huwa deher fuq il-kuntratt ta' l-akkwistu, huwa deher ghalih in-nifsu biss. Jigi osservat li dawk il-pagamenti li saru <u>wara</u> z-zwieg, saru mill-fondi tal-komujoni, anke jekk saru mill-paga ta' l-attrici.

Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehema li din il-proprjeta' ma tidholx fl-assi tal-komunjoni, izda hija proprjeta' parafernali tal-konvenut, li fuqha hemm debitu versu l-komunjoni tal-pagamenti tal-loan li kienu saru mid-data taz-zwieg [30.05.1992] sad-data tad-divorzju [19.11.2001], bir-rata

[8] Fol.33

ta’ LM53 fix-xahar, ammontanti ghal €14,012 [ekwivalenti ghal LM6,015.50][9]

**Komunjoni ta’ l-Akkwisti**

Illi f’ dan ir-rigward il-provi huma skarsi, u whud mill-allegazzjonijiet maghmula mill-partijiet m’ humiex sostnuti minn provi.

[1] Illi jirrizulta sodisfacentement provat li l-assi tal-komunjoni jikkonsistu fl-effetti mobbli li jinsabu elenkati u valutati mill-perit tekniku fir-relazzjoni tieghu a fols 171 u 172 tal-process, u li kopja taghhom qed tigi Dessa mal-gudizzju odjerna sabiex tifforma parti ntegrali minnu [Appendici A]. Dawn l-oggetti jlahqqu valur komplessiv ta’ LM10,908.50; u tenut kont tal-fatt li wara li l-attrici telqet minn Malta dawn baqghu fil-pussess tal-konvenut, huwa opportun fil-fehema ta’ din il-Qorti, li, filwaqt li sehem l-attrici f’ dawn l-effetti mobbli jigi trasferit lill-konvenut, dan minn naha tieghu jhallas lill-attrici nofs il-valur ta’ l-istess.

Ghalhekk il-konvenut qed jigi ordnat li jhallas lill-attrici s-somma ta’ €12,708.40 [ekwivalenti ghal LM5,454.25].

[2] Illi rigward id-dejn li halliet l-attrici meta telqet, il-Qorti taccetta l-verzjoni taghha, sostnuta minn missierha, li, kien intlahaq ftheim bejn il-partijiet, fis-sens li hi thalli s-somma ta’ circa LM5,000[10] f’ kont kongunt sabiex jithallas dan id-dejn, u l-kumplament jigi depozitat f’ isem il-minuri. Jidher li, wara li thallas id-dejn li, skond il-konvenut,[11] ammontanti komplessivament ghal €2,720 [ekwivalenti ghal LM1,167.50], huwa zamm il-bilanc ta’ €8,073 [ekwivalenti ghal LM3,465.59][12], u ghalhekk dan l-ammont ghandu jigi regolat skond il-ftehim milhuq. Konformament il-konvenut qed jigi ordnat li jiddepozita dan l-ammont f’ kont bankarju ghan-nom tat-tifla kif pattwit mill-partijiet, u dan, fi zmien tlett xhur.

---

[9] 1.6.1992 sa 1.6.2001 = €13,333 [ekwivalenti ghal LM5,724] + 1.6.2001 sa 1.11.2001 = €617 [ekwivalenti ghal LM265] + nofs xahar = €62 [ekwivalenti ghal LM26.50]

[10] Fil-fatt giet zbankata is-somma ta’ LM4,633.09 – fol.284

[11] Fol.234

[12] LM4,633.09 – LM1,167.50

Illi l-kumplament ta’ dak pretiz, mhux sostnut mill-provi.

[3] Illi l-konvenut qed jigi ordnat ukoll li jhallas lill-attrici s-somma ta’ €7,006 [ekwivalenti ghal LM3,007.75][13] rapprezentanti sehemha mill-kreditu tal-komunjoni versu l-proprjeta’ parafernali tal-konvenut.

**Sommarju**
Ghalhekk il-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta’ €12,705 [ekwivalenti ghal LM5,454.25] u s-somma ta’ €7,006 [ekwivalenti ghal LM3,007.75] – b’kollox €19,711 [ekwivalenti ghal LM8,462]; u wkoll ghandu jiddepozita f’ kont bankarju lokali f’ isem it-tifla minuri s-somma ta’ €8,073 [ekwivalenti ghal LM3,465.59], liema somma tkun tista’ tigi nkassata mill-minuri biss meta din issir maggjorenni.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:
[1] tilqa’ l-ewwel talba fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, primarjament tort ta’ l-attrici, u sekondarjament tort tal-konvenut;
[2] tichad it-tieni talba;
[3] tilqa’ t-tielet u r-raba’ talbiet, fis-sens li tiddikjara xjolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti b’ effett mis-19 ta’ Novembru 2001, u li din tigi likwidata u assenjata kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Komunjoni ta’ l-Akkwisti.’;

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati konguntivament bejn il-partijiet, in kwantu ghal tlett kwarti [3/4] mill-attrici, filwaqt li r-rimanenti kwart [1/4] jigi sopportat mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[13] Nofs €14,012 [LM6,015.50]